

- 2) L-Artikolu 40 tad-Direttiva 2013/32, moqri flimkien mal-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva 2011/95, għandu jiġi interpretat fis-sens, minn naħa, li l-evalwazzjoni tal-provi prodotti insostenn ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ma tistax tvarja skont jekk tkunx l-ewwel applikazzjoni jew applikazzjoni sussegwenti u, min-naħa l-oħra, li Stat Membru huwa obligat jikkoopera ma' applikant bil-għan li jiġu evalwati l-elementi rilevanti tal-applikazzjoni sussegwenti tiegħu, meta, insostenn ta' din l-applikazzjoni, huwa jipproduċi dokumenti li l-awtentiċità tagħhom ma tistax tiġi stabbilita.

(¹) ĠU C 103, 30.3.2020.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-10 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Supremo – Spanja) – Van Ameyde España SA vs GES, Seguros y Reaseguros SA

(Kawża C-923/19) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Assigurazzjoni obligatorja tar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' vetturi bil-mutur – Direttiva 2009/103/KE – Punti 1 u 2 tal-Artikolu 1 – L-ewwel, it-tieni u l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 3 – Kunċett ta' "vettura" – Obbligu ta' kopertura tad-danni materjali – Portata – Incident tat-traffiku li jinvolvi vettura artikulata li l-elementi tagħha huma s-suġġett ta' assigurazzjonijiet obligatorji distinti – Danni kkawżati lis-semirejler mill-vettura tal-irmonk li magħha dan kien konness meta seħħ dan l-inċident – Interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi l-kopertura ta' dawn id-danni mill-assigurazzjoni obligatorja tar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' dan it-trakter tat-triq)

(2021/C 297/09)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Van Ameyde España SA

Konvenut: GES, Seguros y Reaseguros SA

Dispożittiv

L-ewwel, it-tieni u l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/103 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà, moqrija flimkien mal-punti 1 u 2 tal-Artikolu 1 tagħha, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi mill-kopertura u, għaldaqstant, mill-kumpens, mill-assigurazzjoni obligatorja tar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' trakter tat-triq, id-danni materjali kkawżati minnu lis-semirejler li kien konness miegħu meta seħħ l-inċident.

(¹) ĠU C 103, 30.3.20.